# L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Diċembru tal-2023

NR 018/2024 Data tal-Ħruġ: 30 ta' Jannar 2024 Data tal-Għeluq: 25 ta' Jannar 2024

*F'Diċembru tal-2023, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali rreġistra żieda ta' 0.3 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2022.*



**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel ma' Diċembru tal-2022, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali tela' b'0.3 fil-mija. Żidiet fil-prezzijiet kienu rreġistrati fl-oġġetti tal-konsum (5.8 fil-mija) u fl-oġġetti kapitali (3.7 fil-mija). L-oġġetti intermedji naqsu b'4.6 fil-mija. Ma kienx hemm tibdil fil-prezzijiet tal-qasam tal-enerġija.

Il-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali għas-suq domestiku żdiedu b'0.7 fil-mija. Żidiet fil-prezzijiet dehru fl-oġġetti tal-konsum (3.8 fil-mija) u fl-oġġetti kapitali (2.6 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-oġġetti intermedji naqsu bi 3.0 fil-mija.

Il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona tal-Ewro telgħu bi 2.7 fil-mija, filwaqt li ta' dawk maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro naqsu b'1.3 fil-mija (Tabella nru 2).

**Tqabbil max–xahar ta' qabel**

F'Diċembru tal-2023, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali naqas b'0.7 fil-mija meta mqabbel ma' Novembru tal-2023. L-oġġetti intermedji naqsu b'1.3 fil-mija, filwaqt li l-oġġetti kapitali naqsu b'0.8 fil-mija. Ma kienx hemm tibdil fil-prezzijiet tal-oqsma tal-enerġija u tal-oġġetti tal-konsum.

Il-prezzijiet tas-suq domestiku niżlu b'0.1 fil-mija minħabba tnaqqis ta' 0.2 fil-mija fl-oġġetti intermedji. Ma kienx hemm tibdil fil-prezzijiet tal-gruppi industrijali l-oħra.

Il-prezzijiet tas-swieq mhux domestiċi naqsu b'1.0 fil-mija. Il-prezzijiet tal-oġġetti maħsubin kemm għaż-Żona mhux tal-Ewro kif ukoll ta' dawk maħsubin għaż-Żona tal-Ewro naqsu b'1.4 fil-mija u b'0.4 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali

(2015=100) għall-industrija kollha

